MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 214/2000/1

**Robert Lia**

**Vs**

**Burmarrad Commercials Ltd u b'digriet tas-26 ta' Settembru, 2000**
**gie kjamat fil-kawza Benny Cachia**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fit-18 ta' Dicembru, 1999 il-partijiet dahlu f'kuntratt ta' tpartit bejniethom, fejn l-attur ghadda lis-socjeta' konvenuta vettura tat-tip Isuzu NHR bin-numru ta'

registrazzjoni IBD 348, u rcieva bhala konsiderazzjoni ghal tali trasferiment vettura tat-tip Truck Ford Cargo:

Premess illi inoltre, l-attur hallas lis-socjeta' konvenuta zjieda fi flus kontanti fl-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00);

Premess illi l-imsemmi Truck Ford Cargo irrizulta illi ma kienx tal-kwalita' pattwita u kellu difetti latenti, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-attur ghandu d-dritt illi jitlob ir-restitutio ad integrum u dan billi jirritorna l-imsemmija vettura lis-socjeta' konvenuta li ghandha taghtih lura l-vettura tat-tip Isuzu NHR bin-numru ta' registrazzjoni IBD 348, flimkien mal-flus kontanti hawn fuq imsemmija:

Premess illi fil-fatt l-attur irritorna l-vettura Truck Ford Cargo lis-socjeta' konvenuta izda din baqghet tirrifjuta illi tirrexxindi l-kuntratt ta' tpartit u dan minkejja illi giet sahansitra interpellata sabiex taghmel dan anke permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Jannar, 2000:

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tirrexxindi l-kuntratt ta' tpartit konkluz bejn il-partijiet fit-18 ta' Dicembru, 1999, minhabba r-ragunijiet hawn fuq premessi :

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex tirritorna lill-attur il-vettura tat-tip Isuza NHR bin-numru ta registrazzjoni IBD 348 u tirrifondih is-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) minnu mhallsa ai termini tal-kuntratt ta' tpartit, kif fuq premess :

3. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att ta' trasferiment relattiv ghall-vettura formanti l-oggett tal-kuntratt ta' tpartit de quo

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 324/00 u tal-Mandat ta' Inibizzjoni

numru 326/00 kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** ta' Dr. Ivan Gatt ghan-nom u in rapprezentanza ta' **Burmarrad Commercials Limited** a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-bejgh in kwistjoni huwa tal-kwalita' pattwita bejn il-partijiet u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **it-talba rikonvenzjonali** tas-socjeta' konvenuta Burmarrad Commercials Limited a fol 10 fejn ippremettiet illi :

Premess illi intlahaq ftehim bejn is-socjeta' Burmarrad Commercials Limited u Robert Lia fit-18 ta' dicembru, 1999, liema ftehim kien jistipula l-bejgh ta' truck lil Robert Lia da parti ta' Burmarrad Commercials Limited. Bhala parti mill-hlas ta' tali truck ir-rikonvenzjonat Robert Lia ta vettura Isuzu NHR bin-numru ta' registrazjoni IBD 348, bil-bilanc rimanenti ta' elf lira Maltin (Lm1.000) illi ghadu sa issa mhux imhallsa ;

Premess illi t-truck huwa tal-kwalita' pattwita fil-ftehim originali ;

Premess illi r-rikonvenzjonat Robert Lia kellu kull opportunita' illi jiccekkja t-truck in kwistjoni haga li fil-fatt ghamel hu personalment, u sahansitra ha espert mieghu biex jivverifika u jispezzjona l-istess vettura ;

Premess illi r-rikonvenzjonat Robert Lia gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-bilanc ta' prezz rimanenti u biex ighaddi il-cancellation tal-vettura illi huwa ikkonsenja lis-socjeta''rikonvenzjenti, anki permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' Frar, 2000 ;

Premess illi l-imsemmija vettura Isuzu NHR numru ta' registrazzjoni IBD 348 gia giet mibjugha lil terzi, pero' ghal ragunijiet imputabbli lill-attur it-trasferiment ma jistax isir b'rizultat li Burmarrad Commercials Limited qed issofri danni tlli l-istess vettura qed tokkupa spazju utli fl-imhazen taghha u oltre, Burmarrad Commercials Limited giet esposta ghall-azzjoni ta' danni kontra taghha minhabba l-inadempjenza li t-trasferiment ta' l-imsemmija vettura jsehh

Is-socjeta' rikonvenjenti titlob ghalhekk li dina l-Qorti :

1. tordna lir-rikonvenzjonat jadempixxi ma l-obbligazzjoni tieghu u jghaddi il-"cancellation" tal-vettura illi huwa ikkonsenja lis-socjeta' rikonvenzjenti ;

2. tillikwida d-danni sofferti minn Burmarrad Commercials Limited minhabba l-inadempjenza da parti tal-attur kif fuq spjegat

3. tikkundanna lill-istess attur ihallas dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni

4. tikkundanna lir-rikonvenzjonat ihallas lill-konvenut s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bilanc ta' prezz tal-fuq imsemmi bejgh.

Bl-imghax u bl-ispejjez legali, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Frar 2000 kontra r-rikonvenzjonat Robert Lia li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjenti a fol 11

Rat **in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Robert Lia**, ghar-rikonvenzjoni maghmula mis-socjeta' konvenuta Burmarrad Commercials Limited a fol 15 :

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi t-truck ikkonsenjat mill-istess socjeta' lill-eccipjenti ma kienx tal-kwalita' pattwita,

u fil-fatt irrizulta li kellu difetti latenti, b’dan illi l-kuntratt ta’ tpartit de quo ghandu jigi rexxiss, skond il-Ligi.

2. Illi jsegwi minn tali talba ghar-rexxissjoni u r-restitutio ad integrum sussegwenti illi l-ewwel u r-raba’ talbiet maghmula in rikonvenzjoni ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta rikonvenjenti.

3. Illi jsegwi wkoll illi t-tieni u t-tielet talbiet maghmula in rikonvenzjoni ghandhom ukoll jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta rikonvenjenti stante illi din ma tistax tallega danni imputabbli lill-eccipjenti, una volta illi s-sitwazzjoni prezenti hija rizultat ta’ l-agir taghha stess, konsistenti fil-konsenja ta’ vettura li mhix tal-kwalita’ pattwita kif fuq inghad.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 50 li bih gie kjamat fil-kawza Benny Cachia;

**Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ l-imsemmi Benny Cachia** a fol. 54 fejn eccepixxa li :

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront ta’ l-eccipjent kjamat fil-kawza u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur peress illi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-eccipjent.

2. Illi assolutament bla pregudizzju ghas-suespost sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici jrid jigi pruvat li l-hsara fit-trukk li xtara l-attur hija ta’ gravita’ li tirrendi l-istess vettura mhux tajba ghall-uzu mahsub.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibit;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

## KONSIDERAZZJONIJIET

### Kwalita' pattwita

L-attur kien xtara Truck Ford Cargo li partat ma van Izuzu u flus, liema truck, skond l-attur, irrizulta li ma kienx tal-kwalita' pattwita u kien fih difetti latenti li ghamluh mhux tajjeb ghall l-iskop li ghalih kien gie akkwistat. L-attur qed jitlob ir-rexizzjoni tal-bejh u r-*restitutio ad integrum* billi l-konvenuti jirritornaw l-imsemmija vettura lill attur flimkien ma' Lm150 li hu hallas.

Bazikament il-konvenuti u l-kjamati fil-kawza qed jirritjenu li t-truck kien tal-kwalita' pattwita u l-hsara fit-trakk li xtara l-attur mhiex ta' gravita' tali li tirrendi l-istess vettura mhux tajba ghall-uzu mahsub.

L-azzjoni *ex contractu* taht l-artikolu 1390 tiddefendi lill-kompratur ghall-inosservanza tal-obbligi kontrattwali kontra l-konsenja ta' oggett divers fil-kwalita' minn dik promessa lilu. L-azzjoni redibitorja tipprotegih kontra l-obbligu accessorju tal-venditur li jikkonsenjna l-oggett minghajr difetti.

Ghalkemm l-azzjoni *ex contractu* u l-azzjoni redibitorja ghandhom l-istess fondament razzjonali, l-azzjoni *ex contractu* hija esperibbli biss meta l-haga konsenjata tkun sostanzjalment diversa minn dik kuntrattata, meta l-kwalita' ta' l-oggett konsenjat tkun diversa minn dika tal-oggett mibjugh b'mod li ma tkunx tikkorrispondi ghall-generu tal-oggett kuntrattat u hekk il-konsenja tkun konsenja ta' "*aliud pro alio*" App Dalli vs Patiniott 19/5/2000; Vol XL1B p1 p 341 Portelli vs Grima 27/5/57.

Fil-kaz in ezami l-attur kien mar ma missieru ghand il-konvenuti biex jixtri t-trakk in kwistjoni u kellu l-opportunita' li jara b'ghajnejh x'kien ser jixtri. Jekk verament dina l-vettura ma kienitx tal-kwalita' pattwita l-attur messu mill-ewwel m'accettax il-konsenja tal-vettura.

Mill-provi proditti ma jirrizultax li t-trakk li xtara l-attur kien ta' kwalita' differenti minn dika pattwita mal-konvenuti. Jidher li l-ilment ta' l-attur kien proprjament fuq d-difetti li sab wara li beda juza l-vettura.

Hu car ukoll li fil-komprovendita tal-oggett *sekonda mano*, il-kwalita' pattwita necessarjament tippresupponi li l-oggett ma jkunx ta' kwalita' gdida,  imma uzata u hu ovvju wkoll li fl-uzat jista' jkollok infinita' ta' gradwazzjoni fil-kwalita' PA JSP Attard vs Mifsud 9/7/91.

Kif xehed l-attur, it-trakk mill-ewwel ghogbu, ghax kellu *high up crane* u l-apparat kollu mehtieg ghax-xoghol tieghu (ara fol 22). Jidher li t-trakk kien kif riedu l-attur u d-difetti li kkostata  jirriferixxu ghal kwalita' sekondarja tal-oggett u mhux ghas-sustanza tal-oggett mibjugh bhala tali li ma jbiddilx l-individwalita' tieghu skond il-ftehim.  Il-generu tat-trakk kien ta' dak miftiehem.

Ghalhekk l-azzjoni attrici bazata fuq l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' kwalita' pattwita fl-oggett mibjugh mhiex sostenibbli.

**Difetti latenti**

L-attur qed jitlob ukoll ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta' tpartit in kwistjoni ukoll fuq l-allegazzjoni li t-trakk mibjugh mill-konvenuti kien afflit minn diversi difetti latenti li rrendew it-trakk mhux tajjeb ghall-iskop li ghalih gie akkwistat.

L-attur xehed li l-konvenut Mario Gauci kien assikurah li t-trakk kien tajjeb u kellu jservi tajjeb. Kien accertah li ma kienx hemm problemi fih u li kollox kien jahdem sew. Meta xtara t-trakk u mar ihaddmu sab li meta gholla l-kaxxa tal-*high up* sab li dina kienet wehlet. Hu kien irrangah billi kien hemm li xi *pipes* tal-arja maqlughin. Imbaghad meta beda jahdem bih sab li l-pompi tal-*high up* ma kienux qeghdin izommu l-*high up* u bdiet tinzel. Sadanittant kien mar ukoll id-dawl tat-trakk kollu. Kien ha t-trakk ghand il-konvenuti u rrangawlu d-dawl u qalulu biex jerga' jmur biex jibdlulu xi *washers*. Izda sadanittant kien hariglu z-zejt kollu mit-trakk f'daqqa wahda. It-trakk beda

wkoll itajjar l-ilma sakemm dan spicca kollu. Meta mar bit-trakk ghand il-konvenuti, dawn qalulu li Mario Gauci kien imsiefer. Kien rega ha t-trakk darba ohra biex jarawhulu izda qalulu li kellu jistenna sakemm jigi Gauci minn barra biex isewwulu. Hu rrabbja u ipprova jiehu lura l-van li kien partat izda ma hallewx. Ghalhekk l-ghada hadilhom it-trakk u hallihulhom hemm bic-cwievet tieghu. Meta Gauci gie lura minn barra, hu mar ikellmu biex jirrangaw izda ma waslux ghall ftehim fuq it-trakk.

Illi f'dan il-kaz l-attur xtara trakk li hu kien jaf li hu *second hand* u li kien ghamel diga snin ta' servizz. L-attur jghid li meta xtara t-trakk mad daqqa t'ghajn kien jidher li kien f'kundizzjoni tajba u l-konvenut kien assigurah li t-trakk kien tajjeb u ser iservih tajjeb.

"Jekk il-bejgh kien ta' oggett mhux gdid, imma sekonda man, fin-nuqqas ta' provi sufficjenti jekk l-oggett kienx tajjeb jew le fil-mument tal-konsenja, wiehed ghandu jimxi fuq dak li verosimilment fl-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-ftehim; u hu ghalhekk gust u logiku li jinghad li, meta l-oggett gie kwalifikat bhala "tajjeb", dik il-kelma fl-intendiment tal-kontraenti, u skond il-logika guridika, kellha u ghandha tiftiehem fis-sens li l-oggett kellu jkun tajjeb "sa fejn jista' jkun tajjeb oggett sekonda man bil-prezz li nxtara".

"Jekk l-oggett juri li fih mankamenti li wiehed ghandu jistennihom f'oggett mixtri sekonda man, apparti milli kienu facilment konstatabbli b'ezami superficjali, u li bi spiza zghira jkun jista' jservi ghal zmien konsiderevoli, il-kelma "tajjeb" fic-cirkostanzi tal-kaz ma tfissirx aktar minn " ragjonevolment servibbli" (Ara Vol XL1B p1 p 341 Portelli vs Grima 27/5/57).

Illi f'kaz simili, PA JSP Attard vs Mifsud 9/7 /91 dina l-Qorti, diversament preseduta, kienet iddecidiet li:

Hu minnu li l-Kodici Civili ma jiddistingwix bejn jekk l-oggett mibjugh hux wiehed gdid, sekonda mano, qadim jew xort'ohra. Ghall-ligi l-kundizzjoni tal-oggett invendita, mhux rilevanti, imma biss fis-sens li kull oggett mibjugh

igor mieghu bhala kundizzjoni tal-kuntratt ta' comprovendita l-garanzija tal-ligi kontra d-difett mohbi. L-istitut tal-Kodici Civili dwar dan, pero', ghandu jinqara u jigi interpretat b'mod logiku li jirrispekkja l-intenzjoni tal-legislatur li certament ma kellu l-ebda hsieb li jaghti lil min jixtri oggett mhux gdid l-istess garanzija li hu intitolat ghaliha min jixtri oggett gdid. Ir-ratio legis hu, li jigi adegwatament protett il-kompratur kontra difetti mohbija fl-oggett li jkun xtara. Hu ovvju li jekk l-oggett ikun gdid il-venditur irid jiggarantixxi kontra kull difett mohbi, ghax hu car li l-kompratur tal-gdid ikun qed ihallas u ghandu dritt jezigi li dak li xtara ma jkunx affett minn ebda vizzju. Mill-banda l-ohra fil-bejgh ta' oggett sekonda mano, ikun ovvju wkoll li l-oggett tal-kuntratt mhux aktar wiehed gdid, imma wiehed uzat. F'dan il-kaz il-garanzija tibda tapplika biss wara li jittiehed kont tal-kondizzjoni li l-oggett in vendita kien mistenni li jkun fiha bhala oggett uzat, tenut kont tal-'wear and tear', zmien, uzu u cirkostanzi ohra li jkunu ikkondizzjonaw l-prezz miftiehem.

Il-kompratur ghalhekk ma hux intitolat jinvoka l-eccezzjoni tad-difett mohbi jekk xtara oggett sekonda mano meta d-difett li jkun jilmenta minnu, hu rizultat dirett tal-uzu li sar mill-oggett minnu akkwistat, minn mindu kien gdid sakemm sar il-bejgh.

Id-difett lamentat irid ikun wiehed ta'certa gravita', cjoe jehtieg li d-difett ikun ta' certa gravita' relattivament ghall-haga mibjugha u ghall-prezz imhallas ghaliha (ara App Scicluna vs Azzopardi 22/6/59; u PA Dimech vs Earle 10/12/93).

Fil-kaz in ezami skond il-konvenuti d-difetti lamentati mill-atturi setghu jittrangaw u fil-fatt gew irrangati u l-trakk huwa *in working condition*. Dawn ix-xogholijiet kienu jinvolvu bdil tar-*rubber seals* taz-zejt tal-*hydraulic*. Ix-xoghol l-iehor fuq id-dawl kien sar mill-konvenuti a sodisfazzjoni ta' l-attur. Dan kien xoghol zghir li wiehed jistenna li jsiru f'vettura *second hand* uzata u li ghandha *certu wear and tear.* Il-konvenut xehed li anke offra lill attur li jsiru certi xogholijiet taht garanzija ghall certu zmien.

Mhux kull tiswija, specjalment f'vetturi *second hand*, jistghu jigu klassifikati bhala difetti. Dawn id-difetti jridu jkun tal-gravita' fuq imsemmija, biex jistghu iwasslu ghall-xoljiment tal-ftehim.

Jirrizulta mill-provi li d-difett riskontrat mill-attur ma kienx wiehed intrinsiku fil-makna imma kien provokat direttament mill-uzu tieghu u bhala konsegwenza ta' *wear and tear*, rizultat ta' dana l-uzu. L-attur kien konxju meta xtara t-trakk li dan necessarjament kellu l-mekkanizmu tieghu effettwat mill uzu passat tieghu, aktar u aktar meta l-vettura ghandha uzu industrijali.

L-attur messu qabel xtara fittex l-opinjoni ta' persuna teknika, xi hadd li jifhem u ma messux qghad biss fuq il-kelma jew l-assikurazzjoni tal-konvenut, li xogholu hu li jbiegh.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konsiderazzjonijiet fuq maghmlua jezimu lill konvenuti milli jaghtu l-garanzija tad-difett latenti lill-attur  fit-termini mitluba u fid-dawl tal-principji fuq enuncjati.

**KONTROTALBA**

Fil-kontrotalba taghhom il-konvenuti qed jitlobu li l-Qorti tordna lill-attur jghaddi il-"*cancellation*" tal-vettura illi huwa ikkonsenja lis-socjeta' konvenuta  u tikkundannah ukoll li jhallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bilanc ta' prezz tal-fuq imsemmi bejgh. In vista ta' dak li gie deciz aktar il fuq, il-Qorti hi tal-fehma li dawn iz-zewg talbiet ghandhom jintlaghu.  Kwantu ghad-domandi l-ohra tal-konvenuti biex jinghataw danni l-Qorti tiddeciedi li l-konvenuti ma gabux provi ta' dawn l-allegati danni sofferti.

**Eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza.**

Minn dak li nghad aktar 'l fuq  jirrizulta li l-eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza ghandhom jigu milqugha.  Effettivament il-kjamat fil-kawza qatt ma setgha jigi kkundannat sabiex

isehh dak li talab l-attur u dan ghaliex ma kellu ebda relazzjoni guridika fuq il-mertu ta' dina l-kawza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talbiet attrici
tilqa' l-ewwel u r-raba' domanda fil-kontrotalba u tichad ir-rimanenti talbiet;
tilqa' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
Spejjez ghall attur hlief ghaz-zewg talbiet fil-kontrotalba tal-konvenut.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------